*fl-istħarriġ tagħha dwar jekk il-konfiska ta' proprjetà tammontax għal ksur tal-jeddijiet fundamentali mħarsa bil-Konvenzjoni Ewropea, il-Qorti trid tapplika t-test tal-proporzjonalità bejn il-mezzi adoperati biex tiġi inforzata l-liġi u l-gravità tar-reat kommess - ir-rikorrent ma jistax jinvoka l-ħarsien tal-artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea, għaliex din tapplika biss meta l-ilment ikun dwar it-tħaddim ta' liġi tal-Unjoni u mhux ukoll dwar it-tħaddim ta' liġi nazzjonali kif inhu l-każ odjern*

MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-6 ta' Diċembru, 2023

Rikors Kostituzzjonali Numru 392/2022 LM

**Joseph Zammit (K.I. nru. 584576M)**

***vs.***

**Avukat tal-Istat;**
**Avukat Ġenerali;**
**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors imressaq fit-22 ta' Lulju, 2022 mir-rikorrent **Joseph Zammit (K.I. nru. 584576M)** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'], fejn issottometta dan li ġej:

*"Jesponi bir-rispett illi:*

## *A. <u>Il-fatt li minnhom jirriżulta l-ilment</u>*

1. *Ir-rikorrenti Joseph Zammit kien ġie akkużat talli fit-22 ta' Awwissu, 2018 u fis-snin ta' qabel, f'diversi naħat f'Malta u/jew ġewwa Sensation's Massage Parlour, Heaven's Gate Massage Parlour, Blue Moon Lounge Bar, Passion Massage Parlour u Valentine Massage Parlour, xjentement għex għal kollox u/jew parti minn fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni ta' persuni oħra, kif ukoll talli żamm, eżerċita jew kellu sehem ma' oħrajn fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokali ieħor jew ta' xi parti minnhom li huma frekwentati jew magħduda bħala li huma frekwentati għal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali u talli kellu ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat u ħalla jew ippermetta l-istess jiġu użati bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali.*

2. *Nhar l-24 t'Awwissu, 2018, l-esponenti irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u b'riżultat tal-ammissjoni tiegħu stess, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza minnha mogħtija fl-24 t'Awwissu, 2018, per Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras, ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9, ordnat il-konfiska tas-segwenti:*

    a. *Tal-fond **bl-isem ta' "Sensations Massage Parlour" ossia l-garaxx fi Triq il-Karmnu, Fgura kif deskritt fil-kuntratt ta' bejgħ bejn John Peresso u martu Anne Peresso min-naħa l-waħda u Joseph Zammit min-naħa l-oħra, datat 28 ta' Mejju, 1998, fl-atti tan-Nutar Dr. Carmel Gafà, skont in-nota tal-insinwa bin-numru 8788/1998, esebita fl-atti ta' dan il-każ, favur il-Gvern ta' Malta.** In oltre fir-rigward tal-fond konfiskat, ordnat lill-ħati sabiex jiżgombra mill-istess fond fi żmien ġimgħa mid-data tas-sentenza;*

    b. *Is-somma ta' elf, seba' mija u tnax-il euro u ħamsin ċenteżmu (€1,712.50) favur il-Gvern ta' Malta.*

3. *Stante din is-sitwazzjoni, l-esponenti, fl-20 ta' Novembru, tal-2018, irrikorra għal proċedura speċjali stabbilita mill-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta dwar ir-revoka tal-konfiska, fejn talab lill-Qorti sabiex:*

    a. *Tiddikjara li l-fond bl-indirizz, Triq il-Karmnu, Fgura u dak kollu li jinsab mill-għatba 'l ġewwa konfiskat bis-sentenza fuq ċitata, mhuwiex profitt jew dħul mir-reat kontemplat.*

    b. *Konsegwentement tordna r-revoka tal-ordni tal-konfiska fuq l-istess assi hawn fuq imsemmija.*

4. *L-intimat, Avukat tal-istat, ressaq żewġ eċċezzjonijiet preliminari:*

a. "Illi preliminarjament l-esponenti jeċċepixxi illi l-azzjoni attriċi hija improponibbli stante illi l-konfiska tal-proprjetà immobbli, ossia garaxx bla numru fi Triq il-Karmnu, Fgura, favur il-Gvern ta' Malta ma saritx ai termini tal-Artikolu 3(5) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi kif indikat fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur John Spiteri) (Spettur Paula Ciantar) vs Joseph Zammit" mogħtija fl-24 t'Awwissu, 2018 mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u dan għaliex l-imputazzjonijiet illi l-attur instab ħati tagħhom kienu senjatament l-Artikoli 7(1), 8(1) u 9 tal-Kap. 63, u għaldaqstant fl-ebda mument ma jiġi msemmi f'tali sentenza illi l-attur instab ħati ta' reat ikkontemplat taħt il-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. Illi preliminarjament l-esponenti jeċċepixxu l-inapplikabilità tal-Artikolu 7 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta għall-każ odjern u stante li fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur John Spiteri) (Spettur Paula Ciantar) vs Joseph Zammit" mogħtija fl-24 t'Awwissu, 2018 mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ordnat il-konfiska tal-garaxx bla numru fi Triq il-Karmnu, Fgura favur il-Gvern ta' Malta bħala konfiska tal-corpus delicti ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet u li minn tali konfiska ordnata minn dik il-Qorti ma jeżistix ir-rimedju pretiż mill-attur. Għaldaqstant ir-rimedju pretiż mill-attur ma jeżistix u għandu jiġi miċħud in toto. Illi huwa ċar mid-diċitura tal-Artikolu 7 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta li l-proċedura speċjali li għaliha jaħseb dak l-artikolu taħseb biss għall-konfiski li għaliha ssir referenza fl-Artikolu 3(5) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-ebda waqt ma ssir referenza għall-corpus delicti, liema corpus delicti qatt ma jista' jiġi ritornat lill-persuna misjuba ħatja."

5. *Stante dawn l-eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat, l-esponenti fl-umli fehma tiegħu ħass li kellu jissolleva l-punt li fl-eventwalità illi dawn l-eċċezzjonijiet jiġu milqugħa mill-Prim'Awla fis-sede tagħha bħala Qorti Ċivili, kien ser jiskatta vjolazzjoni tad-drittijiet tal-esponenti a tenur tal-Artikolu 49(3) tal-EU Charter of Fundamental Human Rights kif ukoll tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Għaldaqstant, l-esponenti kien talab lill-Qorti Ċivili sabiex fl-istadju tad-deċiżjoni tagħha in konnessjoni mal-eċċezzjonijiet numru 1 u 2, din il-Qorti tiddeċiedi l-lanjanza sollevata mir-rikorrenti dwar id-drittijiet fundamentali tiegħu.*

6. *Nhar it-3 ta' Lulju, 2020, fis-sentenza tagħha l-Prim'Awla (Sede Ċivili) per Imħ. Onor. Francesco Depasquale, laqgħet l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-intimati u ċaħdet it-talbiet attriċi.*

7. *L-esponenti ppreżenta appell mis-sentenza suċitata u talab lill-Qorti tal-Appell Ċivili sabiex:*

   (i) Tħassar u tannulla s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Lulju, 2020 fil-kawża fl-ismijiet premessi;

   (ii) Tiddikjara li l-fond bl-indirizz Triq il-Karmnu, Fgura u dak kollu li jinsab mill-għatba 'l ġewwa konfiskat bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-24 t'Awwissu, 2018, mhuwiex provenjenti minn ebda dħul, profitt jew konnessjoni ma' xi attivita kriminali;

   (iii) Konsegwentement tordna r-revoka tal-ordni ta' konfiska fuq l-istess assi fuq imsemmija.

8. *Fil-mori tal-istess appell l-esponenti ppreżenta rikors fejn talab lill-Qorti tal-Appell sabiex jirreferi l-vertenza kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) għall-finijiet tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 4(1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-Qorti: (i) Taqta' u tiddeċiedi jekk l-aġir tal-appellati huwiex leżiv tad-drittijiet fundamentali tiegħu sanċiti fl-Artikolu 37 u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 1 tal-Protokoll numru 1, fl-Artikolu 14 u fl-Artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u tal-Artikolu 49(3), 48 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; (ii) kif ukoll li tagħti dawk id-direttivi kollha rilevanti u opportuni.*

9. *Il-Qorti tal-Appell Ċivili saħqet li ma tqisx xieraq li tidħol fil-mertu ta' dawn l-ilmenti ta' natura kostituzzjonali b'dan illi jitħalla bla mittiefes il-jedd tal-esponenti li jirrikorri quddiem il-Qorti kompetenti sabiex il-kwistjoni tiġi mistħarrġa u deċiża skont il-liġi fil-fora addatta.*

10. *Għaldaqstant, fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Appell Ċivili, ikkonfermat is-sentenza tal-Prim'Awla fir-rigward tal-konfiska u ċaħdet it-talba tal-esponenti sabiex issir referenza kostituzzjonali iżda astjeniet milli tidħol fil-mertu tal-ilmenti kostituzzjonali suċitati mill-esponent.*

11. *Għalhekk qiegħed jiġi ppreżentat dan ir-rikors promutur mill-esponenti sabiex jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tidħol fil-mertu tal-ilmenti kostituzzjonali li ser jiġu mqajma mill-esponenti f'dan ir-rikors.*

### ***B. <u>Provenjenza tal-Proprjetà in kwistjoni</u>***

12. *Kif ser jiġi espost fil-mori tal-kawża, l-esponenti ser iġib il-prova kif din il-proprjetà ġiet akkwistata permezz tal-kuntratt ta' akkwist datat it-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin (1998) (sic)*

*in atti tan-Nutar Dr Carmel Gafà għall-prezz ta' ħmistax-il elf lira Maltija (LM15,000) u ċioe ekwivalenti għal circa erbgħa u tletin elf, disa' mija u erbgħin euro u sittin ċenteżmu tal-euro (€34,940.60), liema proprjetà hija soġġetta għal ċens annwu u perpetwu ta' seba' Liri Maltin (LM7) u ossia sittax-il euro u wieħed u tletin ċenteżmu tal-euro (€16.31).*

13. *In oltre, hekk kif ser jirriżulta mill-kuntratt ta' akkwist su espost, il-flus li ntużaw sabiex effettivament inxtrat il-proprjetà de quo kienet permezz ta' bank loan mal-bank BOV p.l.c., liema loan għamel tajjeb għall-ammont sostanzjali tal-valur tal-proprjetà supraindikata u ċioe tnax-il elf (LM12,000) ġew mogħtija mill-bank fil-jum tal-kuntratt lill-venditur, filwaqt li r-rimanenti ossia l-ammont ta' tlett elef Lira Maltija (LM3,000) ġew imħallsa mill-esponenti.*

14. *Mid-dokumenti u mix-xhieda li ser jiġu ppreżentati mill-esponenti fil-mori ta' din il-kawża, ser jiġi abbundantement ippruvat illi din il-proprjetà kienet għand l-esponenti bil-wisq qabel l-allegat żmien tar-reat u l-provenjenza ta' din il-proprjetà kienet waħda leġittima. Fil-fatt l-esponenti kien ilu għal diversi snin jaħdem u jistinka sabiex ikun jista' jakkwista l-proprjetà in kwistjoni, liema proprjetà nxtrat bil-ħila tiegħu u bl-ebda mod ma kienet akkwistata jew miksuba b'xi profitt minn reat.*

*C. <u>Dwar l-ewwel lanjanza: l-aġir tal-intimati huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif sanċiti fis-segwenti</u>:*

**I. Fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-Artikolu 14 Artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea Għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;**

**II. Fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u fl-Artikolu 1 tal-Protokoll numru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;**

15. *Fl-ewwel lok, l-esponenti jsostni li l-aġir diskriminatorju tal-intimati jirrisali mill-fatt li kieku l-awtoritajiet xlew lill-esponenti b'akkużi aktar serji bħal ma huma ta' traffikar tad-droga u/jew inkella Money Laundering, l-esponenti kien ikun f'pożizzjoni ferm aħjar minn dik li qiegħed fiha llum.*

16. *Dan għaliex l-esponenti – skont l-argumentazzjoni tal-intimati stess fil-proċeduri msemmija taħt il-kappa "A" ta' dan ir-rikors – kien ikun jista' jagħmel użu mill-Artikolu 7 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, li minnu jsegwi l-possibilità li l-persuna misjuba ħatja u kull persuna oħra li jkollha interess tista'* ***tibda azzjoni għal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx kummissjoni tar-reat ta'***

**money laundering*, u lanqas proprjetà, akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk.***

17. *Allura dan xi jfisser, li l-Istat Malti u l-awtoritajiet Maltin, qegħdin jgħidu lill-esponenti, kien ikun aħjar għalik li tkun l-akbar traffikant tad-droga minflok tkun involut fil-prostituzzjoni. Traffikant tad-droga għandu l-possibilità li jibda azzjoni taħt l-Artikolu 7 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li persuna misjuba li xjentement għexet għal kollox u/jew parti minn fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni u/jew **kellha sehem minn burdell, ma tista' qatt tagħmel użu minn din l-azzjoni taħt il-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta.***

18. ***Tant hu hekk, li ma jeżisti l-ebda rikors jew azzjoni sabiex wieħed ikun jista' jitlob għar-revoka tal-konfiska li tkun saret ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.** Din il-linja ta' argumentazzjoni kienet ikkonfermata mill-intimati stess meta fl-eċċezzjonijiet preliminari tagħhom saħqu li l-azzjoni attriċi (ċioe r-revoka tal-konfiska) hi improponibbli stante illi l-konfiska tal-proprjetà immobbli favur il-Gvern ta' Malta ma saritx ai termini tal-Artikolu 3(5) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex l-imputazzjonijiet illi l-attur instab ħati tagħhom kienu senjatament l-Artikoli 7(1), 8(1) u 9 tal-Kap. 63, u għaldaqstant fl-ebda mument ma jiġi msemmi f'tali sentenza illi l-attur instab ħati ta' reat kontemplat taħt Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta.*

19. *L-istess intimati komplew jisħqu fl-eċċezzjonijiet tagħhom illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ordnat il-konfiska tal-proprjetà, in kwistjoni favur il-Gvern ta' Malta bħala konfiska tal-*corpus delicti *ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet u li minn tali konfiska ordnata minn dik il-Qorti ma jeżistix ir-rimedju pretiż mill-attur. Għaldaqstant ir-rimedju mitlub mill-attur ma jeżistix u għandu jiġi miċħud in toto. Illi huwa ċar mid-diċitura tal-Artikolu 7 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta li l-proċedura speċjali li għaliha jaħseb dan l-artikolu taħseb biss għall-konfiski li għaliha ssir referenza fl-Artikolu 3(5) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-ebda waqt ma ssir referenza għall-*corpus delicti*, liema* corpus delicti *qatt ma jista' jiġi ritornat lill-persuna misjuba ħatja.*

20. *Din il-linja ta' raġunament tal-intimati ġiet abbraċċata kemm mill-Prim'Awla (Sede Ċivili) kif ukoll, sussegwentement, mill-Qorti tal-Appell Ċivili;*

21. *Stante dan l-element diskriminatorju fil-liġijiet ta' pajjiżna, l-intimati kellhom il-possibilità unika li jiddeċiedu jekk jirkbux dan il-karru maestuż sabiex ikunu parteċipi fl-aġir diskriminatorju u jpoġġu lill-esponenti f'pożizzjoni aktar iebsa minn ta' persuni oħra li ġew misjuba ħatja għal reati kriminali serji oħra.*

22. *L-intimati għażlu li jirrikorru għall-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li finalment l-applikazzjoni tiegħu wasslet sabiex jilledu d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ċioe l-protezzjoni minn privazzjoni tal-proprjetà privata u tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu.*

23. *Dana kif sanċiti fl-Artikolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.*

**D. *<u>Dwar it-tieni lanjanza: l-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea</u>***

24. *L-artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jitlob li:*

    1. L-ebda persuna m'għandha tiġi kkundannata għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta sar jew saret, ma kienx jew ma kinitx reat skont il-liġi nazzjonali jew il-liġi internazzjonali. Lanqas m'għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta twettaq ir-reat. Jekk wara li twettaq ir-reat, il-liġi tipprovdi għal piena inqas, dik il-piena għandha tkun applikabbli.

    2. Dan l-Artikolu m'għandux jippreġudika l-proċess u l-piena ta' persuna ħatja ta' att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta sar jew saret, kien jew kienet reat skont il-prinċipji ġenerali rikonoxxuti mill-komunità tan-nazzjonijiet.

    3. **Is-severità tal-piena m'għandhiex tkun sproporzjonata għar-reat.**

25. *Dan ifisser li kull piena jew kastig impost fuq persuna mgħandux ikun sproporzjonat mal-allegat reat kommess minnu.*

26. *L-esponent qiegħed proprju jikkontesta l-konfiska minnu subita peress li tenut kont tal-fatturi kollha tal-każ, huwa ma jqisx il-piena totali li tinkludi l-konfiska tal-proprjetà, bħala piena proporzjonata.*

27. *Huwa ben assodat fil-ġurisprudenza nostrana u Ewropea illi konsegwenza jew sanzjoni għal allegat ksur ta' liġi għandha tkun proporzjonata mal-allegat ksur in kwistjoni.*

28. *Bi tkomplija mal-premessa preċedenti, jingħad illi meta l-prinċipju fundamentali tal-proporzjonalità jiġi applikat għall-fatti odjerni, huwa evidenti illi konfiska tal-proprjetà immobbli u mobbli in kwistjoni huwa sproporzjonat għall-aħħar dana speċjalment fid-dawl tal-fatt illi l-Liġijiet ta' Malta stess qegħdin jiddiskriminaw kontra l-esponenti peress li, a kuntrarju ta' li kieku l-esponenti kien traffikant tad-droga, m'għandu l-ebda rimedju*

*sabiex jiġġieled din l-ordni ta' konfiska ħlief li jirrikorri quddiem dina l-Onorabbli Qorti bil-lanjanza ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu.*

29. *L-esponenti ukoll jisħaq li n-nisa li ħadmu ta' prostituti fil-proprjetà in kwistjoni, ħadmu minn jeddhom u ma kinux vittmi ta' traffikar ta' persuni. Tant huwa l-każ li l-prostituti stess kienu wkoll mixlija mal-esponenti u tressqu bir-reat ta' kompliċità.*

30. *Barra minn hekk, l-ebda prostituta ma sofriet piena ħarxa u sproporzjonata bħal ma sofra l-esponent, minkejja li l-istess prostituti kellhom sehem. In fatti, il-kompliċi fir-reat ġew immultati l-figura ta' €150.*

***<u>Ir-raġunijiet 'l għaliex l-ilment għandu jintlaqa'</u>***

*(iii) Għar-raġunijiet esposti, għandu jintlaqa' l-ilment tar-rikorrenti u t-talbiet konsegwenzjali għall-istess.*

*(iv)Il-konfiska tal-proprjetà immobbli u mobbli suċitati tar-rikorrenti affettwaw it-tgawdija tal-possediment tiegħu u r-rikorrent qiegħed isofri danni inġenti. Ir-rikorrenti ser jibqa' jsofri dawn id-danni sakemm l-istess proprjetà ma tiġix debitament rilaxxata.*

***<u>Talbiet</u>***

***Jgħid għalhekk l-intimat, 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna, u mogħtija dawk il-provvedimenti kollha neċessarji fiċ-ċirkostanzi:***

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-Artikolu 7 tal-Kap. 373 u l-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijet ta' Malta huma diskriminatorji u jilledu d-drittijiet fundamentali ta' persuni li jkunu misjuba ħatja ta' reat li ma jaqax taħt il-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta stante li dan iġib miegħu l-ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-artikolu 14 u l-artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konfiska tal-proprjetà in kwistjoni mogħtija fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur John Spiteri) (Spettur Paula Ciantar) vs Joseph Zammit nhar l-24 t'Awwissu, 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per Maġistrat Natasha Galea Sciberras, hija diskriminatorja stante li l-esponenti u persuni oħra fil-pożizzjoni tal-esponenti ma seta' qatt ikollhom rimedju jew rikors sabiex jitolbu għar-revoka tal-istess konfiska u għalhekk dan iġib miegħu l-ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-artikolu 14 u l-artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea Għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-*

*Libertajiet Fundamentali u l-artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-artikolu 1 tal-Protokoll numru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;*

3. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konfiska tal-proprjetà in kwistjoni, mogħtija fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur John Spiteri) (Spettur Paula Ciantar) vs Joseph Zammit nhar l-24 t'Awwissu, 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per maġistrat Natasha Galea Sciberras ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, hija sproporzjonata u konsegwentement tikser l-artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-artikolu 1 tal-Protokoll numru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;*

4. *Tordna konsegwentement ir-revoka tal-konfiska tal-proprjetà in kwistjoni, mogħtija fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur John Spiteri) (Spettur Paula Ciantar) vs Joseph Zammit nhar l-24 t'Awwissu, 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per maġistrat Natasha Galea Sciberras ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-raġunijiet premessi;*

5. *Tordna lill-intimata sabiex, fi żmien qasir stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, jeħles u jirrilaxxja f'idejn ir-rikorrenti l-proprjetà immobbli garaxx bla numru fi Triq il-Karmnu, Fgura u mobbli maqbuda bis-setgħa tal-konfiska mogħtija fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur John Spiteri) (Spettur Paula Ciantar) vs Joseph Zammit nhar l-24 t'Awwissu, 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per maġistrat Natasha Galea Sciberras ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-raġunijiet premessi;*

6. *Tillikwida kumpens xieraq għad-danni mġarrba mir-rikorrenti, u tillikwida wkoll kwalunkwe danni reali hekk imġarrba minn l-istess rikorrenti;*

7. *Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu tali kumpens u/jew danni hekk likwidat/i lir-rikorrenti;*

8. *Fid-dawl tat-talbiet premessi, tagħti l-provvediment/i illi tqis opportun/i.*

*B'riserva ta' kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti u bl-ispejjeż kontra l-intimati illi huma minn issa inġunti għas-subizzjoni."*

2. Rat ir-risposta tal-intimat **Avukat tal-Istat**, tal-**Avukat Ġenerali** u tal-**Kummissarju tal-Pulizija** [minn issa 'l quddiem 'l-intimati'], li ġiet ippreżentata fl-24 t'Awwissu, 2022, fejn ingħad kif ġej:

*"Jgħidu bil-qima:*

1. *Illi din it-tweġiba qiegħda ssir b'ħarsien tad-digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti nhar id-29 ta' Lulju, 2022, li ġie nnotifikat lill-Avukat tal-Istat flimkien mar-rikors promutur nhar il-5 t'Awwissu, 2022, bi żmien għoxrin (20) jum għar-risposta;*

2. *Illi in suċċint, ir-rikorrent Joseph Zammit **fuq ammissjoni tiegħu stess** instab ħati bil-kontinwat, talli **fit-22 t'Awwissu tas-sena 2018 u fis-snin ta' qabel din id-data** f'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer, u/jew ġewwa:*

   1 ***'Sensations Massage Parlour', Triq il-Karmnu, l-Fgura,***
   2 *'Heaven's Gate Massage Parlour', Triq Birkirkara, San Ġiljan,*
   3 *'Blue Moon Lounge Bar', Triq Birkirkara, San Ġiljan,*
   4 *'Passion Massage Parlour', 90, Triq Salvu Psaila, Birkirkara u*
   5 *'Valentine's Massage Parlour' Triq Farsons, il-Ħamrun*

   ***għex għal kollox u/jew parti minn fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni** ta' persuni oħra*

   ***eżerċita jew kellu sehem fl-eżerċizzju ta' burdell** jew ta' dar, ħanut jew lokali ieħor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew magħduda bħala li huma frekwentati għal skop ta' prostituzzjoni*

   ***ħalla jew ippermetta li dan il-ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament jew xi parti tagħhom jiġu wżati bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni** jew għal skopijiet oħra immorali*

   *B'sentenza tal-**Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali** datata 24 t'Awwissu, 2018, huwa kien ikkundannat għal piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal perijodu ta' erba' snin u għal multa ta' €450.00. Huwa ġie skwalifikat mil-liċenzja bħala* substitute *tal-bar 'Blue Moon Lounge Bar', Triq Birkirkara, San Ġiljan. Il-Qorti ordnat l-iskwalifika ġenerali tiegħu milli huwa jikseb kwalunkwe liċenzja sabiex jopera bar għal żmien sentejn, u ordnat ukoll it-tħassir ta' kull liċenzja dwar il-ħwienet jew fondi oħra li saru r-reati fihom;*

   *Minbarra dan, il-Qorti **a tenur tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 ordnat il-konfiska** tas-somma esebita ta' €1,712.5 u **tal-fond 'Sensations Massage Parlour', Triq il-Karmnu, l-Fgura**;*

*Jirriżulta li r-rikorrent* ***ma intavolax appell minn din is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)*** *u għalhekk is-sentenza tal-Ewwel Qorti għaddiet in ġudikat;*

*Sussegwentement, ir-rikorrent* ***istitwixxa kawża ċivili quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili*** *[Rik. Ġur. 1155/2018] fejn talab ir-revoka tal-konfiska tal-fond fuq imsemmi a tenur tal-artikolu 7 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta għax skont hu, ma kienx akkwistah frott l-attività illegali. Dik il-kawża ċivili* ***ġiet deċiża mill-Onor. Imħallef Francesco Depasquale nhar l-4 ta' Lulju, 2020 fejn it-talbiet attriċi ġew miċħuda;***

*Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza u l-appell ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell nhar it-22 ta' Ġunju, 2022. F'dik is-sentenza* ***l-appell ġie miċħud u s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ġiet ikkonfermata.*** *F'dawn iż-żewġ sentenzi ġie osservat li l-artikolu 7 kien inapplikabbli għall-każ odjern peress li r-rikorrent ma ġiex misjub ħati taħt il-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta;*

***A. EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI***

3. *Illi preliminarjament, l-intimati Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija jeċċepixxu illi mhumiex leġittimi kontradittui għat-talbiet rikorrenti u dan ai terminu tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Peress li r-rikorrent qiegħed jallega li l-operazzjonijiet tal-Liġi huma leżivi tad-drittijiet fundamentali tiegħu u bl-ebda mod ma qiegħed jallega li l-Avukat Ġenerali jew il-Kummissarju tal-Pulizija aġixxew b'mod leżiv ta' dawn id-drittijiet fundamentali, isegwi li huma tħarrku inutilment u għalhekk għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;*

4. *Illi huwa paċifiku li l-irwol ta' din il-Qorti mhuwiex li sservi bħala qorti ta' appell minn qrati ta' kompetenza ordinarja. Dan jingħad għaliex għar-raġunijiet li jaf hu biss, ir-rikorrent ma intavolax appell mis-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u ulterjorment, dawn il-proċeduri m'għandhomx iservu ta' appell wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża ċivili tiegħu;*

***B. EĊĊEZZJONIJIET FIL-MERTU***

5. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu l-esponenti jirrespinġu l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrent kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali msemmija mir-rikorrent a tenur:*

   - *Tal-artikolu 14, l-ewwel artikolu tal-Protokoll 12, l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;*
   - *Tal-artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u*

- *Tal-artikoli 21 u 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;*

***Rigward l-artikoli Konvenzjonali***

6. *Illi għal dak li jolqot l-**__artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea__**, l-esponenti jeċċepixxu li r-rikorrent ma indikax fuq liema kawżali jew* status *hu allegatament ġie diskriminat. F'dan il-kwadru, għandu jingħad li skont dan l-artikolu 14, it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni għandha tiġi żgurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew* status *ieħor. Minn din il-perspettiva, ma ġiex muri li l-allegat trattament diskriminatorju kien imsejjes fuq xi kawżali ta'* status, *inkwantu karatteristika personali tiegħu. Għalhekk ġaldarba t-trattament divers imqanqal mhuwiex xprunat fuq l-ebda wieħed mill-kawżali li jinsab protett mill-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, isegwi li minn dan l-aspett, l-istħarriġ konvenzjonali ma jistax jiġi milqugħ;*

7. *Illi mingħajr preġudizzju għal dak hawn fuq imsemmi, safejn l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes fuq l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jirrilevaw illi l-artikolu 14 ma jagħtihx* "a free standing right". *L-artikolu 14 jista' biss jiġi invokat ma' dritt ieħor tal-Konvenzjoni;*

8. *Illi b'riferenza għall-**__Ewwel Artikolu tal-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni Ewropea__**, dan ukoll huwa inapplikabbli għall-każ odjern. Fl-artikolu 12 tal-Kap. 319, it-tifsiriet mogħtija għat-termini "Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali" u "Konvenzjoni" jagħmlu riferenza **biss** għall-Konvenzjoni nnifisha u l-Ewwel, it-Tieni, it-Tielet, ir-Raba', il-Ħames, is-Sitt u s-Seba' Protokolli. Di più u in linea mal-premess, l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 ma tagħmel ebda riferenza għat-Tnax-il Protokoll. Isegwi li minn dan l-aspett ukoll, l-istħarriġ konvenzjonali ma jistax jiġi milqugħ;*

9. *Illi skont il-proviso tal-**__Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea__**, l-Istat għandu kull jedd li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali. F'dan is-sens huwa magħruf fil-ġurisprudenza li l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u sabiex jistabbilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tal-interess ġenerali **jew biex jiżgura** il-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet jew **pieni**;*

10. *Illi l-każ odjern jirrigwardja l-konfiska tal-***corpus delicti** *li ntuża f'reat, senjatament il-fond li r-rikorrent utilizza bħala burdell. Jibda billi jingħad li l-konfiska tiegħu saret taħt qafas legali (u ċioe l-artikolu 23 tal-Kap.9). In kwantu għall-għan leġittimu u l-proporzjonalità għandu jiġi mfakkar illi l-Qorti ta' Strasburgu kemm-il darba kellha l-opportunità tistħarreġ dan il-punt u kkunsidrat*

*illi l-Istat għandu* a wide margin of appreciation *sabiex jimplimenta miżuri u jikkumbatti l-kriminalità, u dawn jinkludu miżuri ta' konfiska li ntużaw fil-konsumazzjoni tar-reat (vide Raimondo v. Italy, § 30; Riela and Others v. Italy (dec.); Arcuri and Others v. Italy (dec.); Gogitidze and Others v. Georgia, § 108). Illi oltre minn hekk, ġie deċiż illi l-konfiska tal-assi li kienu* instruments of crime *m'għandhomx speċifikament jaqgħu taħt id-definizzjoni tat-tieni sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (Vide Handyside v. The United Kingdom, § 63; Agosi v. The United Kingdom, § 51). Filfatt f'sitwazzjonijiet fejn l-assi ġew konfiskati minħabba illi ġew ikkunsidrati bħala* instruments of the crime *ossia parti mill-***corpus delicti***, il-Qorti kkunsidrat illi l-konfiska tinkwadra bħala kontroll tal-użu tal-proprjetà (vide Raimondo v. Italy, § 27; Riela and Others v. Italy (dec.); Sun v. Russia, §25; Arcuri and Others v. Italy (dec.); C.M. v. France (dec.); Air Canada v. The United Kingdom, § 34);*

11. *Illi f'dan il-każ ċertament hemm għan leġittimu, u dan fis-sens li qed tiġi miġġielda l-kriminalità u qed jiġi assigurat illi l-fond ma jerġax jintuża bħala burdell. In kwantu għall-proporzjonalità, jingħad li ċertament li din hija miżura proporzjonata meta wieħed iqis li* ***l-iskop tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 huwa sabiex iservi kemm ta' deterrent, kif ukoll ta' piena****;*

*Referenza sssir għas-sentenza fl-ismijiet* ***Mario Falzon vs Direttur Ġenerali (Dwana) u b'digriet tal-14 ta' Mejju, 2013, issejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali*** *(37/2013) deċiża fit-23 ta' Ottubru, 2014 mill-Onorabbli Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fejn ikkunsidrat illi –*

> "Biex deterrent tabilħaqq ikun effettiv, irid joqros fil-laħam il-ħaj u jwassal biex min ikun sejjer jagħmel xi ħaġa bi ksur tal-liġi jaħsibha darbtejn qabel ma jagħmilha, imqar jekk minħabba l-biżgħa ta' dak li jista' jġarrab jekk jinqabad. B'dan il-mod, id-deterrent iġorr minnu nnifsu element barra min-normal li r-rikorrent, f'dan il-każ tiegħu, iqisu bħala sproporzjonat. Madanakollu, id-deterrent jiġi jgħodd biss jekk kemm-il darba xi ħadd jaħbat difru mal-liġi; kien ikun xort'oħra kieku s-sanzjoni tal-konfiska maħsuba fl-artikolu 68 tal-Ordinanza kienet tgħodd ukoll għal min ma jkunx kiser il-liġi. Iżda din is-sanzjoni tgħodd biss għal min jikser il-liġi (u l-prova ta' dan trid issir minn min jallega l-ksur ta' dik il-liġi) u min jikser il-liġi qajla jista' jippretendi li jkun trattat bħallikieku l-liġi ma kisirhiex. Dan il-ħsieb jista' jintrabat mal-massima nemo ex turpitudo eius oritur jus'."

12. *Għalhekk l-ilment tar-rikorrent dwar l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll ukoll mhuwiex ġustifikat u għalhekk it-talba marbuta ma' dan l-artikolu mhijiex mistħoqqa;*

***Rigward l-artikoli Kostituzzjonali***

13. *Illi rigward* ***l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta*** *l-esponenti jirrilevaw illi a tenur tas-subartikolu (2) subinċiż (h), il-protezzjoni mogħtija mill-artikolu 37* ***mhijiex applikabbli fir-rigward ta' teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà fl-eżekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati.*** *Fil-każ odjern, ma hemm ebda dubbju li l-konfiska tal-fond ġiet ordnata b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, u li għaddiet in ġudikat. Għalkemm lanqas biss hija neċessarja sabiex tissodisfa r-rekwiżit tal-artikolu 37(2)(h) ma jistax ma jiġix osservat li l-Qorti tal-Maġistrati kienet ibbażat il-konfiska ordnata fis-sentenza tagħha fuq l-artikolu 23 tal-Kap. 9 u għalhekk b'ebda mod u manjiera ma jista' jingħad li kienet xi ordni arbitrarja jew illegali;*

14. *Illi dwar l-****artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta*** *jingħad li dan mhuwiex applikabbli minħabba li l-imġieba diskriminatorja mixlija mir-rikorrent ma ġietx imqiegħda taħt waħda mill-kriterji ta' diskriminazzjoni li għalihom jirreferi l-****artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni.*** *Ir-raġuni ta' diskriminazzjoni f'allegazzjoni ta' ksur ta' dan il-jedd fundamentali trid tabilfors taqa' taħt waħda mir-raġunijiet imsemmija f'dan is-subartikolu. Sewwasew fil-kwistjoni kostituzzjonali li għandna quddiemna, ir-rikorrent ma rabatx l-allegat ilment tiegħu ta' diskriminazzjoni ma' xi wieħed mill-motivi li nstabu tassattivament imsemmija* ***fl-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni*** *viz. Razza, post ta' oriġini, fehmiet politiċi, kulur, fidi, sess jew orjentament sesswali. Għalhekk dan in-nuqqas għandu jwassal għaċ-ċaħda tal-ilment tar-rikorrent;*

15. *Illi fi kwalunkwe każ, kemm fir-rigward ta' dan l-artikolu kif ukoll għall-allegat ksur tal-artikolu 14 irid jiġi enfasizzat il-punt li dawn id-drittijiet fundamentali jipproteġu kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' karatteristiċi jew ċirkostanzi partikolari tal-individwu. Il-fatt li liġijiet differenti jista' jkollhom konsegwenzi differenti ma jfissirx li persuna ġiet trattata b'mod diskriminatorju.* ***Il-konsegwenzi li sofra r-rikorrent abbażi tal-artikolu 23 tal-Kap.9 huma l-istess konsegwenzi li kwalunkwe persuna oħra rinfaċċjata b'dan l-artikolu tista' taffaċċja.*** *Ir-rikorrenti ma għandu l-ebda jedd fundamentali li jagħżel hu liema liġijiet japplikaw fil-konfront tiegħu;*

***Rigward l-artikoli tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***

16. *Illi safejn fl-ewwel u fit-tieni talba r-rikorrent jitlob dikjarazzjoni ġudizzjarja li sar ksur tal-****artikolu 21 u 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,*** *tali talba hija improponibbli. Dan għaliex skont l-****artikolu 51, paragrafu 1*** *tagħha stess il-Karta tapplika biss għall-Istati Membri "****meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni****". Skont l-****artikolu 51, paragrafu 2, "Il-Karta ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi tal-Unjoni";***

*Proprju fil-każ odjern, l-**artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li qed jiġi hawnhekk attakkat, ma jimplimentax xi liġi tal-Unjoni. Għalhekk, l-artikolu 21 u l-artikolu 49(3) tal-Karta ma jsibu ebda applikazzjoni fil-każ odjern;***

*Illi bla preġudizzju għal dak suespost, anke li kieku l-**artikoli 21 u 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea** kienu japplikaw għall-każ odjern, sa fejn l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti titlob dikjarazzjoni ġudizzjarja li sar ksur tal-**artikolu 21 tal-Karta,** u t-tielet talba rikorrenti titlob dikjarazzjoni ġudizzjarja li sar ksur tal-**artikolu 49(3) tal-Karta,** dawn huma ukoll improponibbli peress li tali talbiet kellhom f'kull każ jinġiebu **b'rikors maħluf** skont l-**artikolu 164(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.** Dan peress li ilmenti taħt l-artikoli tal-Karta tal-UE ma jaqgħux taħt il-parametri tal-**artikoli 2 u 3 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (Liġi Sussidjarja 12.09);***

*17. Illi fid-dawl ta' dan kollu u tal-pre-ċitati artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-artikoli tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-esponenti isostnu li l-akkoljiment tat-talbiet rikorrenti mhuwiex mistħoqq;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tiegħu."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat li permezz tad-digriet tagħha tat-12 ta' Settembru, 2022 awtorizzat l-allegazzjoni tal-atti tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur John Spiteri u Spettur Paula Ciantar) vs. Joseph Zammit'**, li ġiet deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (per Maġ. Natasha Galea Sciberras) fl-24 t'Awwissu, 2018.[1]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mir-rikorrent.

[1] *File* rilevanti inserit fil-proċess.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

3. Ir-rikorrent fetaħ dawn il-proċeduri wara li ġie akkużat li fit-22 t'Awwissu, 2018 u fiż-żmien ta' qabel, f'diversi naħat ta' Malta, xjentement għex għal kollox jew parzjalment minn qligħ tal-prostituzzjoni, li eżerċita jew li kellu sehem fl-eżerċizzju ta' burdell, u li ħalla li post jintuża bħala post ta' laqgħa għall-prostituzzjoni. Ir-rikorrent ammetta għall-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, u b'sentenza tal-istess Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-24 t'Awwissu, 2018, ir-rikorrent ingħata piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin, multa ta' €450, skwalifika milli jkun jista' jiddetjeni liċenzja biex imexxi *bar,* u konfiska ta' flus u tal-proprjetà fi Triq il-Karmnu, Fgura mertu ta' dawn il-proċeduri. Ir-rikorrent ippreżenta dawn il-proċeduri kostituzzjonali għaliex isostni li huwa ġie diskriminat meta mqabbel ma' persuni oħra misjuba ħatja ta' reati differenti minn dak li ġie misjub ħati hu, billi fir-rigward ta' reati li jaqgħu taħt kapitoli oħrajn tal-liġi, min jinstab ħati għandu l-jedd li jikkontesta l-konfiska tal-proprjetà, filwaqt li f'każijiet bħal tar-rikorrent min jinstab ħati ma jistax jirrikorri għal din il-proċedura. Il-konfiska tal-proprjetà għar-reat li kien misjub ħati tiegħu r-rikorrent hija waħda tassattiva, mandatorja u awtomatika, u fil-fehma tar-rikorrent huwa dan li jirrendi l-piena waħda li tiddiskrimina bejn min jinstab ħati ta' dan ir-reat partikolari, u persuni li jinstabu ħatja taħt kapitoli differenti tal-liġi. Ir-rikorrent qal wkoll li l-piena tal-konfiska tal-proprjetà hija severa wisq u mhijiex proporzjonata mar-reat imwettaq minnu.

4. Ir-rikorrent spjega li l-fond ikkonfiskat ma kienx akkwistat bi flus ġejjien minn qligħ li sar minn xi attività illeċita jew kriminali, u huwa kien xtara dan il-fond wara li ħa self bankarju għal dan il-għan, fi żmien meta huwa kien impjegat *full-time.* Spjega li huwa rrikorra għall-proċedura kkontemplata fl-artikolu 7 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex il-Qorti tordna r-revoka ta' tali konfiska, u

tingħata dikjarazzjoni li l-fond ikkonfiskat u dak kollu li hemm fih mhux frott ta' profitti jew dħul minn reat. Ir-rikorrent jikkontendi li t-tħaddim tal-liġi kif inhi huwa leżiv tal-jeddijiet fundamentali tiegħu kif protetti taħt l-artikolu 45 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, taħt l-artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni, taħt l-Artikolu 1 Protokoll 12 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll taħt l-artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

5. Ir-rikorrent qal li huwa ġie diskriminat għaliex persuni mixlija b'reati bħal ma huwa t-traffikar tad-droga jew il-ħasil tal-flus, għandhom il-fakoltà li jirrikorru għar-rimedju pprovdut bl-artikolu 7 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu tal-liġi jagħmilha ċara li huwa maħsub biss għar-reati kkontemplati fl-artikolu 3(5) tal-istess Kap. 373. Ir-rikorrent qal li fil-każ tiegħu huwa ma jista' jagħmel l-ebda talba għar-revoka tal-konfiska, u dan għaliex huwa nstab ħati ta' reat ikkontemplat taħt il-Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk dan ir-rimedju mhux disponibbli għalih. Qal li għalhekk fil-każ tiegħu l-konfiska tal-proprjetà kienet mandatorja, tassattiva u awtomatika, u hu bl-ebda mod ma seta' jiddefendi ruħhu billi jispjega l-provenjenza tal-proprjetà, anzi kellu jirrikorri għal rimedju quddiem din il-Qorti b'aktar telf ta' ħin u spejjeż għalih. Permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent qiegħed jitlob li jiġi ddikjarat li l-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap. 373, u l-artikolu 23 tal-Kap. 9, huma diskriminatorji u leżivi tal-jeddijiet fundamentali ta' persuni li ma jiġux mixlija taħt dan l-istess Kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta, u dan iwassal għal ksur tal-artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, tal-Ewwel Artikolu tal-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni Ewropea, u tal-artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Ir-rikorrent talab lill-Qorti

tiddikjara li fil-każ odjern il-konfiska hija diskriminatorja, għaliex persuni mixlija b'reati li ma jaqgħux taħt il-Kap. 373 ma jistgħux jitolbu r-revoka tal-konfiska. Qal li l-konfiska hija sproporzjonata u tikser l-artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea, u hija leżiva tal-jeddijiet proprjetarji tiegħu. Ir-rikorrent għalhekk talab lil din il-Qorti tordna r-revoka tal-konfiska, kif ukoll tordna lill-intimati jirrilaxxaw l-imsemmija proprjetà, bil-likwidazzjoni tal-kumpens u tad-danni reali sofferti minnu, u bl-ordni lill-intimati għall-ħlas ta' kull kumpens li jista' jkun talvolta dovut lilu.

6. Min-naħa tagħhom l-intimati eċċepew li l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija mhumiex leġittimi kontraditturi *ai termini* tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u sostnew li dawn tħarrku inutilment fil-proċeduri odjerni. Qalu wkoll li fil-każ odjern ir-rikorrent ma ressaqx appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. L-intimati eċċepew li minkejja li r-rikorrent jallega li hemm ksur tal-jedd fundamentali li jipproteġih minn diskriminazzjoni, dan naqas milli jispeċifika b'liema mod huwa ġie ddiskriminat. L-intimati eċċepew ukoll li r-rikorrent ma jistax jilmenta minn ksur tal-Ewwel Artiklu tat-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, għaliex l-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta jestendi biss għall-Konvenzjoni nnifisiha u għal uħud mill-Protokolli li jaqgħu taħtha, u mhux għat-Tnax-il Protokoll ukoll. L-intimati qalu wkoll li l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jagħti lill-Istati l-jedd li jwettqu dawk il-liġijiet li jidhrulhom xierqa sabiex jikkontrollaw l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali. L-intimati spjegaw li fil-każ odjern ġiet ordnata il-konfiska tal-*corpus delicti,* liema konfiska saret taħt qafas legali, u l-Istat għandu latitudni wiesgħa ta' apprezzament sabiex ifassal miżuri li jikkumbattu l-kriminalità. Qalu li fil-każ odjern il-konfiska kienet waħda leġittima fil-ġlieda kontra l-kriminalità u sabiex il-fond ma jerġax

jintuża għal skop illeċitu. L-intimati eċċepew ukoll li l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma japplikax fil-każ ta' teħid ta' pussess jew akkwist tal-proprjetà fl-eżekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet tal-qrati, u fil-każ odjern il-konfiska saret permezz ta' ordni tal-Qorti. L-intimati eċċepew ukoll li r-rikorrent ma jistax jilmenta li qiegħed isofri minn xi forma ta' diskriminazzjoni, għaliex kull persuna li taffaċċja akkużi bħal tiegħu, ser taffaċċja dawn il-pieni, u għalhekk m'hemmx lok fejn ir-rikorrent jargumenta li huwa ġie diskriminat.

**Provi u riżultanzi**

7. Ir-rikorrent, fl-*affidavit* tiegħu qal[2] li ta' sittax-il sena huwa beda jaħdem bħala *machine setter* mas-soċjetà Toly Products. Qal li huwa għandu liċenzja ta' *electrician,* u tul is-snin kellu diversi impjiegi. Qal li huwa kien ħa self bankarju sabiex seta' jixtri l-proprjetà mingħajr isem u mingħajr numru fi Triq il-Karmnu, il-Fgura. Qal li huwa kien akkwista din il-proprjetà permezz ta' kuntratt tat-28 ta' Mejju, 1998 fl-atti tan-Nutar Carmel Gafà bil-prezz ta' LM15,000, u s-self bankarju għal dan l-akkwist kien fl-ammont ta' LM12,000. Qal li għal bosta snin, din il-proprjetà kienet tintuża minnu bħala ħanut għall-bejgħ ta' *car audio systems* u tagħmir elettroniku, sakemm eventwalment ċaqlaq is-sit tan-negozju mill-Fgura għal proprjetà f'Ħal Qormi. Qal li fis-sena 2011 huwa reġa' beda jopera l-ħanut tal-Fgura għal madwar sitt xhur, u ftit wara kien ġab liċenzja sabiex ikun jista' jopera *bar*. Qal li fl-24 t'Awwissu, 2018, huwa kien irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kien weħel piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin u multa. Qal li l-Qorti kienet ordnat ukoll il-konfiska tal-proprjetà tal-Fgura. Qal li l-persuni li kienu joperaw il-ħanut tal-Fgura kienu joperaw għal rashom u kif jixtiequ huma, u ħadd minnhom ma

---

[2] *A fol.* 32 tal-proċess.

kien sfurzat jew kien vittma ta' traffikar ta' persuni, tant hu hekk li dawn instabu ħatja ta' kompliċità miegħu u weħlu multa. Ir-rikorrent qal li huwa m'akkwistax il-proprjetà tal-Fgura bi flus ġejjin minn attivitajiet illeċiti, iżda mix-xogħol leċitu li għamel tul is-snin, imma minkejja dan huwa qiegħed jiġi ttrattat agħar minn persuni li jmexxu u jittraffikaw id-droga, għaliex il-liġi lilu ma ttihx il-fakultà li jattakka l-ordni ta' konfiska li ħarġet fil-konfront tiegħu. Qal li apparti l-proprjetà tal-Fgura, il-Pulizija qabditlu tliet proprjetajiet oħra, li kienu qegħdin joperaw bħala *massage parlour,* iżda l-ebda waħda minn dawn il-proprjetajiet ma ġew ikkonfiskati. Ir-rikorrent qal li din il-konfiska hija sproporzjonata u inġusta meta wieħed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kawża. Flimkien mal-*affidavit* tiegħu, ir-rikorrent ippreżenta kopja tal-kuntratt tal-akkwist ta' din il-proprjetà[3], ritratti li juru din il-proprjetà fejn tinsab[4], u kopja tar-rapport tal-Perit Etienne Magri bil-valutazzjoni ta' din il-proprjetà.[5] Skont il-valutazzjoni tal-Perit Magri, din il-proprjetà għandha valur ta' €60,000 fis-suq tal-proprjetà.

8. Waqt l-udjenza tad-9 ta' Novembru, 2022 xehdet **Johanna Bartolo** uffiċjal tal-Bank of Valletta plc[6], dwar is-self bankarju li ngħata lir-rikorrent.

9. Waqt l-istess udjenza xehed ukoll **Louis Buhagiar** uffiċjal ta' JobsPlus[7], li ppreżenta r-*records* tal-impjieg tar-rikorrent mis-sena 1992 sal-preżent.

10. Waqt l-udjenza tas-16 ta' Diċembru, 2022 xehed il-**Perit Etienne Magri**[8], li qal li r-rikorrent ilu klijent tal-uffiċċju tiegħu għal bosta snin. Spjega li f'Lulju tal-2020 ir-rikorrent kien inkarigah sabiex jagħmel valutazzjoni ta' proprjetà fil-Fgura, u huwa kien wasal għall-konklużjoni li l-valur tal-fond huwa ta' €60,000.

---

[3] *A fol.* 34 tal-proċess.
[4] *A fol.* 41 *et seq.* tal-proċess.
[5] *A fol.* 46 tal-proċess.
[6] *A fol.* 64 tal-proċess.
[7] *A fol.* 81 tal-proċess.
[8] *A fol.* 90 tal-proċess.

Waqt l-istess udjenza xehed ukoll **in-Nutar Carmel Gafà**[9], li kkonferma li r-rikorrent kien akkwista garaxx permezz ta' kuntratt ta' self u bejgħ fl-atti tiegħu tat-28 ta' Mejju, 1998.

11. Waqt l-udjenza tas-16 ta' Diċembru, 2022, **Suzanne Gauci**, uffiċjal ta' Identity Malta, ppreżentat għadd ta' dokumenti, bir-riċerki li saru f'isem ir-rikorrent.[10] Huwa evidenti li bosta minn dawn id-dokumenti minnhom m'huma tal-ebda rilevanza għal dawn il-proċeduri, u m'għandhom x'jaqsmu xejn mar-rikorrent.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

12. Il-Qorti sejra qabel xejn tgħaddi sabiex tindirizza l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimati. L-intimati jeċċepixxu li l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija mhumiex leġittimi kontradittturi *ai termini* ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt, minkejja l-involviment tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali fil-proċeduri kriminali li tmexxew kontra r-rikorrent, il-preżenza tal-Avukat tal-Istat in rappreżentanza tal-Gvern Malti fi proċeduri kostituzzjonali hija suffiċjenti in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181B (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

> "(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."

Il-Qorti għalhekk sejra tgħaddi biex tilqa' din l-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa mill-intimati.

[9] *A fol.* 93 tal-proċess.
[10] *A fol.* 103 tal-proċess.

13. L-intimati jgħidu wkoll li din il-Qorti m'għandhiex isservi bħala qorti tat-tielet grad, u dan huwa fattur li jrid jiġi kkunsidrat għaliex ir-rikorrent naqas milli jappella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Il-Qorti tirrileva illi r-rikorrent mhuwiex jikkontesta l-piena li ngħatatlu fil-kuntest tal-ammissjoni rreġistrata minnu, u lanqas m'huwa jgħid li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għandha tiġi revokata għaliex hija żbaljata jew li mhijiex ġusta. Ir-rikorrent qiegħed jagħraf li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' bilfors kellha tinfliġġi l-piena tal-konfiska fuqu, għaliex din il-parti tal-piena hija waħda tassattiva u mandatorja u tidħol fis-seħħ b'mod awtomatiku fil-kuntest tar-reati li huwa ġie akkużat bihom. Hija din il-mandatorjetà u l-fatt li l-konfiska ma tistax tiġi kkontestata quddiem il-Qorti Ċivili, li wasslet lir-rikorrent jiftaħ dawn il-proċeduri. Il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrent huma arġinati fil-kuntest ta' allegata leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu, u huwa bl-ebda mod qiegħed jitlob lil din il-Qorti terġa' teżamina xi fatt jew xi aspett mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Ir-rikorrent irid biss li dak deċiż jiġi mistħarreġ mill-ottika ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Għaldaqstant il-Qorti tqis illi din l-eċċezzjoni preliminari għandha tiġi miċħuda.

14. B'riferiment għall-mertu, l-argument prinċipali tar-rikorrent huwa li ma nżammitx proporzjonalità bejn ir-reat kommess minnu u l-piena inflitta fuqu, u li huwa ġie diskriminat għaliex persuni li jinstabu ħatja ta' reati aktar gravi għandhom l-opportunità li jikkontestaw il-konfiska u li jġibu prova sabiex juru li dik il-proprjetà ma ġietx akkwistata mill-qliegħ ta' xi attività illeċita. Mhux hekk fil-każ odjern, għaliex il-konfiska daħlet fis-seħħ awtomatikament mar-reġistrazzjoni tal-ammissjoni tar-rikorrent. Ir-rikorrent jgħid li mhux biss ma nżammx proporzjon, iżda saħansitra saret diskriminazzjoni miegħu, u li huwa

x'aktarx li kien ikun f'pożizzjoni aħjar li kieku nstab ħati ta' reat aktar gravi bħal m'huwa l-ħasil tal-flus jew it-traffikar tad-droga.

15. Il-Qorti sejra tibda l-istħarriġ tagħha billi teżamina jekk fil-każ odjern hemmx l-allegata diskriminazzjoni li jilmenta minnha r-rikorrent, u konsegwentement jekk hemmx ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [hawnhekk 'il-Kostituzzjoni'] u tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem [hawnhekk 'il-Konvenzjoni Ewropea']. L-artikolu 45(1) tal-Kostituzzjoni jgħid illi:

> "(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5) u (7) ta' dan l-artikolu, ebda liġi ma għandha tagħmel xi dispożizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett tagħha.
>
> …
>
> (3) F'dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn."

16. Mill-banda l-oħra l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

> "It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew *status* ieħor."

17. Il-Qorti tqis għalhekk li sabiex ikun hemm id-diskriminazzjoni li qiegħed jilmenta minnha r-rikorrent, irid ikun hemm differenza fit-trattament abbażi ta' fatturi personali jew soċjali li jiddistingwu persuna minn oħra, u mhux differenza fit-trattament bejn persuna li twettaq reat u mhux ieħor. Pereżempju kien ikun hemm ksur tal-jedd għall-ħarsien minn diskriminazzjoni,

li kieku r-rikorrent ġab prova li persuni akkużati bl-istess reat bħal dak kommess minnu, ingħataw trattament differenti abbażi tal-post tal-oriġini tagħhom jew abbażi tal-etnografija tagħhom. Iżda fil-każ odjern, persuni akkużati u misjuba ħatja tar-reat li ammetta li wettaq ir-rikorrent, ilkoll jingħataw l-istess piena b'mod tassattiv, sempliċiment għaliex hekk timponi l-liġi f'każ ta' sejbien ta' ħtija. Imma anki jekk fil-fehma tar-rikorrent dan joħloq sitwazzjoni inġusta, għaliex persuni akkużati u misjuba ħatja ta' reati oħra jistgħu jikkontestaw l-ordni ta' konfiska, filwaqt li huwa m'għandux dik l-opportunità bil-liġi kif inhi fil-preżent, dan ma jfissirx li r-rikorrent għandu raġun meta jgħid li huwa qiegħed jiġi diskriminat. Il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem [hawnhekk 'il-Qorti Ewropea'] dwar każ fejn persuna ma ngħatatx maħfra Presidenzjali bħal individwi oħra li kellhom l-istess kundanna u li ngħataw maħfra, fis-sentenza fl-ismijiet **Kafkaris *v.* Cyprus**[11]:

> *"... a difference in treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 of the Convention, if it has 'no objective and reasonsable justification'. In other words, the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention. Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially different factual circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convention. The contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a difference in treatment. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject-matter and its background, but the final decision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court."*

18. Hija ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna li jekk kemm-il darba t-trattament differenzjali li jilmenta minnu r-rikorrent ma jaqax taħt xi wieħed mill-kapijiet kkontemplati fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, m'għandux ikunx hemm sejbien ta'

[11] App. Nru. 21906/04, 12.02.2008.

diskriminazzjoni. Dan ifisser ukoll li m'hemmx ksur lanqas taħt it-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni li jitkellem dwar projbizzjoni ġenerali kontra d-diskriminazzjoni fit-tgawdija ta' kull jedd taħt il-liġi nazzjonali. Fi kwalunkwe każ l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 ma tagħmel ebda riferenza għat-Tnax-il Protokoll.

19. Ir-rikorrent jilmenta wkoll minn ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu għat-tgawdija tal-proprjetà kif imħarsa bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Norbert N. Ciappara) *vs.* Anthony Seychell**[12]:

> *"Illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jrid li l-ebda proprjetà ta' kull xorta ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u lanqas jista' jiġi miksub b'mod obbligatorju xi interess fi jew dritt fuq proprjetà. Teħid obbligatorju ta' proprjetà jew ta' interessi fiha jista' jsir biss fejn hemm dispożizzjoni ta' liġi applikabbbli li tagħti kumpens xieraq għal tali teħid, li jagħti jedd ta' aċċess lil tribunal indipendenti u imparzjali li jiddetermina l-jedd fuq il-proprjetà hekk meħuda u l-kumpens xieraq, u li tiżgura jedd ta' appell lill-Qorti tal-Appell. L-artikolu 37 ma japplikax f'għadd ta' ċirkostanzi oħra msemmija fis-subartikolu (2) tiegħu, fosthom meta t-teħid obbligatorju jkun sar fl-eżekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati (fn. 12 art. 37(2)(ħ);*
>
> *Illi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdi li kull persuna għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd m'għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti mil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali. Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali, jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni;*
>
> *Illi fit-tifsira u l-applikazzjoni li ngħatat mill-Qrati dwar l-imsemmija żewġ dispożizzjonijiet bħala parti mil-liġi tagħna, ingħad li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa aktar riġidu u preċiż fl-applikazzjoni tiegħu mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u wkoll li jagħti ħarsien aqwa lil persuna dwar it-tgawdija ta' ħwejjiġha milli jagħti l-artikolu konvenzjonali. Ingħad ukoll li l-artikolu 37 iħares lill-individwu mit-**teħid ta' pussess** obbligatorju ta' ġidu, u mhux ukoll għat-**tgawdija ħielsa** tiegħu, bħalma jagħmel l-artikolu konvenzjonali. B'dan il-mod jista' jingħad li l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jinkiser biss jekk isseħħ ċaħda totali tal-proprjetà jew ta' xi jedd fuqha mingħajr kumpens xieraq; ma jidħolx fejn ikun hemm xi tnaqqis ta' tgawdija ta' dak il-ħid li jkun, imqar jekk tali tnaqqis ikun jikkonsisti f'limitazzjoni fl-użu ta'*

[12] 05.05.2005.

*dak il-ġid (fn. 13 Kost. **30.4.1996**; fil-kawża fl-ismijiet **Mintoff vs Prim Ministru et** (Kollez. Vol. LXXX.i.206);".*

20. Il-Qorti tqis li r-rikorrent ma jistax jilmenta minn ksur tal-jeddijiet proprjetarji tiegħu kif imħarsa bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba f'dak li jipprovdi s-subinċiżi (2)(b) u (ħ) tal-istess artikolu, u li espressament jipprovdu li t-teħid ta' pussess ta' proprjetà bħala penali għal, jew konsegwenza għal ksur tal-liġi, jew fl-eżekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet tal-Qrati, ma jistgħux jiġu mistħarrġa taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

21. Jifdal għalhekk li din il-Qorti tistħarreġ jekk hemmx ksur tal-jeddijiet tar-rikorrent kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li ġie deċiż mill-Qorti Ewropea fis-sentenza fl-ismijiet **Gyrlyan *v.* Russia**[13]:

*"21. The Court reiterates its consistent approach that a confiscation measure, even though it involves a deprivation of possessions, falls within the scope of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, which allows the Contracting States to control the use of property to secure the payment of penalties. However, this provision must be construed in the light of the general principle set out in the first instance of the first paragraph and there must, therefore, <u>exist a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised</u> (see Ismayilov, § 30, and Paulet, § 64, both cited above, and Grifhorst v. France, no. 28336/02, §§ 85-86, 26 February, 2009)."*

22. Fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Ismayilov v. Russia**[14], dwar il-prinċipju tal-proporzjonalità li jrid jiġi applikat fir-rigward tal-piena inflitta, ingħad:

*"38. The Court considers that, in order to be considered proportionate, the interference should correspond to the gravity of the infringement, namely the failure to comply with the declaration requirement, rather than to the gravity of any presumed infringement which had not however been actually established, such as an offence of money laundering or tax evasion. The amount confiscated was undoubtedly substantial for the applicant, for it*

[13] App. Nru. 35943/15, 09.10.2018.
[14] App. Nru. 30352/03, 06.04.2009.

*represented the entirety of the proceeds from the sale of his late mother's home in Baku. On the other hand, the harm that the applicant might have caused to the authorities was minor: he had not avoided customs duties or any other levies or caused any other pecuniary damage to the State. Had the amount gone undetected, the Russian authorities would have only been deprived of the information that the money had entered Russia. Thus, the confiscation measure was not intended as a pecuniary compensation for damage – as the State had not suffered any loss as a result of the applicant's failure to declare the money – but was deterrent and punitive in its purpose (compare Bendenoun v. France, judgment of 24 February, 1994, Series A no. 284, § 47). However, in the instant case the applicant had already been punished for the smuggling offence with a term of imprisonment conditional on a period of probation. It has not been convincingly shown or indeed argued by the Government that the sanction alone was not sufficient to achieve the desired deterrent and punitive effect and prevent violations of the declaration requirement. In these circumstances, the imposition of a confiscation measure as an additional sanction was, in the Court's assessment, disproportionate, in that it imposed an "individual and excessive burden" on the applicant.*

*39. There has therefore been a violation of Article 1 of Protocol No. 1."*

23. Fl-istħarriġ tagħha dwar jekk il-konfiska ta' proprjetà tammontax għal ksur tal-jeddijiet fundamentali mħarsa bil-Konvenzjoni Ewropea, il-Qorti trid tapplika t-test tal-proporzjonalità bejn il-mezzi adoperati biex tiġi inforzata l-liġi u l-gravità tar-reat kommess. Fil-każ odjern l-akkwist tal-proprjetà kkonfiskata seħħ fi żmien meta r-rikorrent kellu impjieg regolari, u kien ħa self bankarju sabiex seta' jixtri l-proprjetà in kwistjoni. Dan seħħ diversi snin qabel ir-reat in kwistjoni li nstab ħati li wettaq ir-rikorrent. Barra minn hekk, il-piena inflitta fuq ir-rikorrent bħala konsegwenza għar-reat li nstab ħati li wettaq, ma kinitx tikkontempla biss il-konfiska tal-proprjetà, iżda wkoll sentenza ta' priġunerija sospiża, multa u sospensjoni ta' liċenzja għat-tmexxija ta' *bar* li kienet waħda mill-attivitajiet kummerċjali li kellu r-rikorrent fiż-żmien meta nstab ħati tar-reat in kwistjoni. Din il-Qorti għalhekk tqis li ma nżammitx il-proporzjonalità li jaħseb għaliha l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u għalhekk sejra tordna r-revoka tal-konfiska tal-proprjetà in kwistjoni u r-rilaxx tagħha lura lir-rikorrent.

24. Ir-rikorrent jgħid ukoll li fil-każ odjern ġew miksura l-jeddijiet fundamentali tiegħu abbażi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [hawnhekk 'il-Karta'], li jgħid li s-severità tal-piena trid tkun proporzjonata għar-reat. L-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa li l-jeddijiet fundamentali mħarsa u protetti taħt il-Karta m'għandhomx applikazzjoni fis-sistema tagħna. Dan mhux korrett, u hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li ngħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **Raymond Caruana *vs.* Avukat Ġenerali**[15]:

> *"Illi l-Qorti taqbel mar-rikorrent illi l-imsemmija Karta llum tagħmel parti mil-liġi domestika Maltija u li l-Qrati Maltin iridu jqisu u jħaddnu bħalma jħaddnu kull liġi oħra fl-ordinament li għandha effett dirett.*
>
> *Illi għalkemm ir-rikorrent jirreferi għal* 'ċertu provvediment li jinsab fiċ-Charter' *jidher li qiegħed jirreferi għall-Artikolu 49 tagħha, li jitkellem dwar prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' Reati u Pieni. B'mod partikolari ssir referenza għad-dispożizzjoni tas-sub-artikolu 3 tal-imsemmi artikolu li jgħid li l-ħruxija tal-pwieni ma tridx tkun sproporzjonata mar-reati li għalihom tapplika.*
>
> *Illi l-Qorti tifhem li l-ilment tar-rikorrent kif imressaq fir-rikors promutur huwa sewwasew dak li l-piena ta' detenzjoni li għaliha hu suġġett hija ħarxa żżejjed meta mqabbla mal-għamla ta' reat li għalih kien instab ħati.*
>
> *Iżda, kif sewwasew issottometta l-intimat, it-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Karta jipprovdi li* "(1) Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji tal-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri ukoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni. Huma għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom u fir-rispett tal-limiti tal-kompetenzi tal-Unjoni kif mogħtija lilha fit-Trattati."
>
> *Illi l-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrent fil-kawża tallum jissejjes fuq it-tħaddim ta' uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali. Imkien ma jallega u imkien ma jidher li sejjes dak l-ilment fuq it-tħaddim ta'* "liġi tal-Unjoni"*. Għaldaqstant, il-Qorti ma tħossx li għandha tistħarreġ l-ilment tar-rikorrent ukoll fil-qafas tal-provvedimenti msemmija ta' dik il-Karta."*

25. Il-Qorti għalhekk sejra tilqa' l-eċċezzjoni mressqa mill-intimati, li r-rikorrent ma jistax jinvoka l-ħarsien tal-artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet tal-

[15] 28.02.2013.

Unjoni Ewropea għaliex din tapplika biss meta l-ilment ikun dwar it-tħaddim ta' liġi tal-Unjoni u mhux ukoll dwar it-tħaddim ta' liġi nazzjonali kif inhu l-każ odjern.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1) **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati, u għalhekk tillibera lill-intimati Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-ġudizzju;**
2) **Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati;**
3) **Tilqa' s-sitt, is-seba', it-tmien, it-tlettax, l-erbatax, il-ħmistax, is-sittax u s-sbatax-il eċċezzjoni tal-intimati;**
4) **Tiċħad id-disa', l-għaxar, il-ħdax u t-tnax-il eċċezzjoni tal-intimati;**
5) **Tiċħad l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrent in kwantu ma ssib l-ebda diskriminazzjoni fl-applikazzjoni tal-liġijiet imsemmija;**
6) **Tilqa' it-tielet talba tar-rikorrent, u tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konfiska tal-proprjetà in kwistjoni, ordnata fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur John Spiteri) (Spettur Paula Ciantar) *vs.* Joseph Zammit fl-24 ta' Awwissu, 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali *ai termini* tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, hija sproporzjonata u konsegwentement tikser l-artikolu 1 tal-Protokoll numru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea;**
7) **Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrent, u tordna konsegwentement ir-revoka tal-konfiska tal-proprjetà in kwistjoni, ordnata fis-sentenza fl-**

**ismijiet Il-Pulizija (Spettur John Spiteri) (Spettur Paula Ciantar) *vs*. Joseph Zammit nhar l-24 ta' Awwissu, 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali *ai termini* tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

8) **Tilqa' l-ħames talba tar-rikorrent u tordna lill-intimat Avukat tal-Istat sabiex fi żmien xahrejn, jeħles u jirrilaxxja f'idejn ir-rikorrent l-proprjetà immobbli garaxx bla numru fi Triq il-Karmnu, Fgura u mobbli maqbuda bis-setgħa tal-konfiska mogħtija fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur John Spiteri) (Spettur Paula Ciantar) *vs.* Joseph Zammit nhar l-24 ta' Awwissu, 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali *ai termini* tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

9) **Tiddikjara li l-imsemmi rimedju għandu jkun suffiċjenti għal-lanjanzi mressqa mir-rikorrent, u għalhekk mhijiex sejra tikkonsidra t-talbiet l-oħra mressqa minnu.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-intimat Avukat tal-Istat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**